MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2063/2004

**Mangion Productions Limited**

**Vs**

**Carmelo Mifsud u John Barbara u b'digriet tat-Tribunal tas-16 ta' Mejju, 2005 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens li wara Carmelo Mifsud u John Barbara jizdiedu l-kliem "a nom CM Productions Limited"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti bilanc ta' hlas skond skrittura datata 7 ta' Novembru, 2000.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuti qalu fl-ewwel lok illi l-iskrittura m'ghadhiex urgenti stante li l-ftehim bejn il-

partijiet gie regdat b'kuntratt pubbliku datat 1 ta' Marzu, 2001.
Fit-tieni lok qalu illi huma qatt ma rrifjutaw li jhallsu l-ammont pretiz jekk dan huwa verament dovut izda kienet is-socjeta' attrici li naqset milli taccetta li tohrog ircevuti tal-hlasijiet.

Fit-tielet u fl-ahhar lok qalu li jekk l-ammont huwa dovut allura dan huwa preskritt.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Dr Malcolm Mifsud li gie nkarigat mid-diretturi tas-socjeta' attrici fejn jghid illi fi zmien meta saret it-transazzjoni tal-bejgh tal-*going concern* tas-socjeta' attrici kien hemm depozitu u diversi hlasijiet. Jghid li hemm zgur pendenza ta' elf lira Maltin (Lm1,000).

Id-diretturi ta' l-istess socjeta' emigraw lejn l-Awstralja. Is-socjeta' mhix titredja w anki tnehhiet il-VAT number. Jghid illi l-konvenuti nsistew li tinhareg VAT receipt izda dak iz-zmien VAT receipt ma setghetx tinhareg peress li ma kienx hemm VAT number. Jghid illi kien kellem lill-awditur tas-socjeta' attrici fejn hu ssugerixxa li jkun hemm dikjarazzjoni ghal skopijiet tal-konvenuti sabiex ikunu jistghu jiddikjaraw li huma hallsu wkoll il-VAT lura w anki jistghu jkollhom il-VAT receipt.

Ra x-xhieda ta' John Barbara fejn jikkonferma li z-zewg konvenuti kienu jmorru id-dar ta' Mangion ihallsu izda qatt ma tahom ircevuta. Jghid li kien itihom karta li rcieva l-ammont biss u din ma kienetx ufficjali.

Jghid ukoll illi l-awditur tal-konvenuti kien infurmahom illi l-ircevuti li kienet ittihom is-socjeta' attrici ma kienux tajbin.

Jikkonferma li kien qal lis-socjeta' attrici sabiex meta tohrog ircevuta ufficjali huma jaghtu l-elf lira Maltin (Lm1,000). It-tifel ta' Karmenu Mangion tas-socjeta' attrici li huwa Justin Mangion kien infurmahom li ha johrog l-ircevuta fiskali izda qatt ma waslet.

Fil-kontro-ezami jghid illi s-socjeta' attrici kienet infurmathom illi l-istess socjeta' kienet *in liquidation* u mhux *deregistered*.

Jikkonferma li s-socjeta' attrici qatt ma lmentat jekk kienu jhallsu tard.

Ra x-xhieda ta' Anatole Baldacchino li huwa Certified Public Accountant ta' CM Productions Limited fejn jikkonferma li l-ircevuti fiskali minghand is-socjeta' attrici ghandu bzonnhom ghall-VAT Department u ohrajn. Jikkonferma li l-ircevuti li harget is-socjeta' attrici m'humiex validi.

Jghid ukoll illi s-socjeta' tal-konvenuti li hija CM Productions Limited ser ikollha thallas penali lil VAT Department minhabba li m'ghandhomx ircevuti.

Baldacchino kien prezenti qabel ma sar il-kuntratt u hu kien informa lid-direttur tas-socjeta' attrici sabiex johrog l-ircevuti fiskali. Mangion kien qal li ha jaghmel skond il-ligi.

Ra illi l-konvenuti kkonfermaw li ma hallsux l-elf lira Maltin (Lm1,000) filwaqt fil-kuntratt jidher car li l-istess ammont irid jithallas.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenuti qieghdin jghidu li huma qatt ma rrifjutaw li jhallsu l-ammont pretiz izda l-attur naqas li jaccetta li johrog ircevuta tal-hlasijiet skond il-ligi u skond il-ftehim li sar bejniethom (ara t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti).

Illi jirrizulta li l-ammont huwa dovut. Il-konvenuti ghandhom ihallsu dan l-ammont. Jekk is-socjeta' attrici ma tohrogx l-ircevuta skond il-ligi jittiehdu dawn il-passi necessarji skond il-ligi.

Il-konvenuti jghidu wkoll li l-azzjoni hi preskritta izda ma ssemma l-ebda Artikolu tal-ligi in konnessjoni ma' din l-eccezzjoni. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' CM Productions Limited biex thallas l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) lis-socjeta' attrici. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------